# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Gunju 2000**

**Numru 69**

**Citaz. numru 1032/87 DS**

Nazzareno Bartolo
vs
Emanuel Zammit, u b'digriet tas-27 ta' Gunju 1989 l-atti gew trasfuzi f'isem John Zammit u Emanuel Zammit bhala kiuraturi ta' l-eredita` giacenti tal-konvenut Emanuel Zammit li miet fil-mori tal-kawza

Illum, 22 ta' Gunju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Dicembru 1987 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

L-attur huwa detanur ta' ghalqa f'tal-Barrani li ghaliha ghandu dritt ta' access minn passagg kif jidher delenijat bl-ahdar fil-pjanta hawn annessa u markata Dok."A":

F'dawn l-ahhar gimghat il-konvenut abusivament u bla edda dritt fil-ligi impedixxa l-access tal-attur ghall-ghalqa tieghu mill-istess passagg billi ghalaq l-access bil-gebel, waqqa l-hajt tas-sejjieh li jiddelimitah u harat l-istess passagg;

Bl-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u abuziv tad-drittijiet tal-attur u in oltre uzurpalu d-drittijiet ta' passagg tieghu;

talab lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jirrintegrah fid-drittijiet kollha tieghu billi jerga jpoggi l-passagg u l-hajt tas-sejjieh fl-istat pristin tieghu u

2. in difett tawtorizza lill-attur biex jaghmel ix-xoghol kollu mehtieg a spejjez tal-attur u dana f'kull kaz taht id-direzzjoni ta' perit nominat ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru 1987 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi preliminarjament l-attur ghandu jforni aktar dettalji biex ifisser ghall-liema ghalqa f'Tal-Barrani qed jirreferi ghaliha, b'liema titolu qed jiddetjeniha, u ghall-liema passagg qed jirreferi, billi l-anness Dokument "A" mhux biss ma jghatix indikazzjonijiet cari dwar dawna l-aspetti, imma lanqas ma huwa fih innifsu xi prova konklussiva.

Illi fil-mertu mhux minnu li f'dawna l-ahhar gimghat il-konvenut <u>abbuzivament</u> u <u>bla ebda dritt fil-ligi</u> impedixxa xi access lill-attur ghal xi ghalqa ta' dana l-ahhar mill-allegat passagg.

Illi l-konvenut bl-agir tieghu ma wettaq l-ebda spoll vjolenti u abbuziv tad-drittijiet tal-attur u illi l-konvenut ma uzurpa l-ebda dritt ta' passagg tal-attur.

Illi ghaldaqstant ma sehh l-ebda spoll a termini tal-ligi w il-konvenut ghandu jigi liberat bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-8 ta' Gunju 1988 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. M'Angelo Refalo bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-25 ta' Frar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jezercita l-azzjoni ta' spoll kontemplata fl-artikolu 535 tal-Kodici Civili. Sabiex tirnexxi din l-azzjoni hemm tliet rekwiziti li jridu jirrizultaw ippruvati: (1) il-pussess jew detenzjoni, (2) il-fatt ta' l-ispoll, u (3) li l-azzjoni giet istitwita fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom ghelieqi biswit xulxin f'Tal-Barrani. Fil-pjanta Dok. P2 annessa mar-relazzjoni tal-perit tekniku, l-ghalqa ta' l-attur hija ndikata bl-ittra "Z" filwaqt li l-ghelieqi tal-konvenuti huma ndikati bl-ittri "X", "X" u "X1". Dawn jinsabu mqabbla lilhom. Mix-xiehda ta' George-Roland Schembri Orland, wiehed mis-sidien ta' l-artijiet in kwistjoni, jirrizulta li kien jezisti hajt (indikat fl-istess pjanta bhala "H - H" li tnehha izjed minn tnejn u ghoxrin sena ilu (kien qed jixhed fl-1993). Dan il-hajt kien jissepara l-ghalqa tal-konvenuti minn sqaq li kien iservi bhala access ghall-ghalqa ta' l-attur. Kien wiesa' bizzejjed biex ighaddi karrettun. L-access ghal dan l-isqaq kien miftuh. Carmelo Psaila, li l-ghalqa mqabbla lill-attur qabel kienet imqabbla lilu ghal xi sentejn/tlieta u qablu kien jahdimha missier il-mara tieghu, ikkonferma li kienu jaccedu ghall-ghalqa taghhom mill-istess sqaq u fl-entratura kienu jaghmlu xi gebliet li jitwarrbu biex jidhol biss min ghandu l-ghelieqi. Mix-xiehda ta' Emanuel Zammit (bin il-konvenut originali ukoll Emanuel Zammit) tirrizulta ammissjoni ta' dan id-dritt ta' passagg li ghandu l-attur, salv li jippretendi li fejn l-attur ghandu dan id-dritt huma ghandhom id-dritt li jahdmuh u jekk l-attur ikun irid ighaddi xorta jista' jghaddi, u inoltre jsostni li fix-xitwa jista' jghaddi biss bir-rigel u fis-sajf jista' jghaddi bil-magna.

Minn dawn il-provi jirrizulta li l-attur ghandu l-pussess tad-dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa tal-konvenuti kif jidher mill-pjanti li gew esebiti u dan, ghar-ragunijiet moghtija mill-perit tekniku u li l-Qorti tikkondividi u taghmel taghha, ghal wisa' ta' ghaxar piedi. Difatti l-provi juru li l-passagg kien originarjament intenzjonat bhala passagg bil-karrettun. Inoltre taqbel li tali dritt mhux limitat biss ghas-sajf izda ghas-sena kollha. Ghalhekk bil-fatt li l-konvenut originali (jew nies imqabbdin minnu) harat tali passagg gie li spossessa lill-attur minn dak il-jedd liberu li qabel kellu biex ighaddi mill-imsemmi passagg. U l-Qorti hi soddisfatta li dan l-agir sar entru t-terminu ta' xahrejn preskritt mil-ligi.

Li kien hemm ir-rekwizit *animus spoliandi* hu evidenti mix-xiehda tal-konvenuti stess li jippretendu li l-jedd ta' l-attur hu limitat fiz-zmien u fin-natura tieghu. Ghalhekk iridu jirripristinaw lill-attur fil-jedd ta' passagg billi jiddezistu milli jahartu l-istess passagg.

Dwar il-hajt tas-sejjieh li l-attur jippretendi li ghandu jerga' jinbena, certament l-attur lanqas seta' jaghmel din it-talba f'din l-azzjoni peress li mill-provi jirrizulta li l-hajt in kwistjoni kien ilu diversi snin li tnehha. Lanqas ma ghandha ghalfejn il-Qorti taghti xi provvediment dwar l-entratura ghal tali passagg peress li jirrizulta li l-prassi hi li jitqieghdu xi gebliet fl-entratura li jitnehhew minn min se jaghmel uzu mill-imsemmi passagg  u jerga' jqieghdhom meta johrog.

Ghalhekk, u kif tajjeb ikkonkluda l-perit tekniku, m'hemm l-ebda xoghol li jrid isir biex l-attur jigi reintegrat fid-dritt ta' passagg kif fuq spjegat izda biss dezistenza min-naha tal-konvenuti li jahdmu l-passagg.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-tieni talba attrici u tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti li jirreintegraw lill-attur fid-dritt ta' passagg li kellu billi jiddezistu milli jahdmu l-istess passagg.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**